# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Numru: 249/2017**

Il-Pulizija

(Spettur Maria Stella Attard)

(Spettur Denise Miruzzi Mula)

vs

**Gianluca Coliero**

Iben Mario, imwieled Pieta', fid-29 ta' Gunju, 1989, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 290589(M)

Illum, 03 ta' Mejju 2019

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellat Gianluca Coliero quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) akkuzat talli fit-13 ta' Jannar 2016, għall-ħabta ta' 8.30hrs fi triq Cikku Saliba, Tarxien saq il-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni GAS029:

> 1. B'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku, tajjar lil Tessie Muscat w involontarjament ikkagunalha offiżi ta' natura ħafifa skond kif iċċertifika Dr. Susan Mallia M.D. niċ-Ċentru tas-Saħħa, Raħal Gdid.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-26 ta' April, 2016 fejn il-Qorti wara li rat l-

Artikolu 226 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, iddikjarat illi l-akkuza ma rrizultatx u ghalhekk illiberat lill-imputat minn kull htija u piena.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fis-17 ta' Mejju, 2017 fejn talab lil din il-Qorti **<u>tħassar u tirrevoka</u>** s-sentenza appellata wara li tisma' dan l-appell u minflok ssib lill-appellat Gianluca Coleiro ħati ta' l-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u tinfliġġi l-piena skont il-liġi u fil-parametri relattivi.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

> Illi fid-data tas-smiegħ tal-kawża, l-Parte Civile, cioe' Tessie Muscat, ġiet msejjħa diversi drabi iżda ma dehritx[1], liema okkorrenza hija irrimarkat fil-verbal, iżda l-Parte Civile intavolat rikors[2] nhar il-25 ta' April sabiex titlob diferiment, *stante* li fid-data tas-smiegħ kellha appuntament ġewwa l-isptar Mater Dei, *nonostante cio* l-Qorti ċaħdet it-talba tal-Parte Ċivile mingħajr ma elenkat il-motivazzjoni ta' tali deċiżjoni u per konsegwenza l-Prosekuzzjoni spiċċat sprovvista mil-unika xhud li setgħat tissustanzja l-akkużi kontra l-appellat.
>
> Illi l-anqas jista' jingħad li l-Prosekuzzjoni ma għamlietx xogħla sew, *stante* li l-Parte Ċivile kienet debitament notifikata[3], u zgur ma kienx hemm disinteress min naħa tal-Parti Ċivile, u dan jidher ċar ġialadarba preżentat rikors għal-diferiment minħabba raġuni elenkata aktar l' fuq, di fatti l-Qorti tal-Appell Kriminali tenniet li:
>
> *"Fil-waqt illi din il-Qorti tissimpatizza mas-sitwazzjoni li l- Qorti tal-Magistrati tista' xi mdaqqiet tinsab fiha, cioe' li ma tkunx tista' tipprocedi biex tisma' kawza, ghax xhud jew xhieda ma jidhrux, dan ma jiggustifikax lil dik il-Qorti li tippriva l-prosekuzzjoni minn prova indispensabbli darba l- prosekuzzjoni tkun ghamlet ix-xoghol taghha w taqbad u tghaddi ghas-sentenza. Ladarba rrizulta illi ma kienx tort tal-prosekuzzjoni illi x-xhud indispensabbli ma deherx f'dan il-kaz, l-Qorti ma kellhix alternattiva hlief illi tiddiferixxi l-kawza ghal darb'ohra."*
>
> *Hawnhekk din il-Qorti taghmel referenza ghal kawza "Il-Pulizija vs Saviour Farrugia" deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-25 ta' Lulju, 1994, fejn il-Qorti qalet "meta xhud, debitament notifikat kif jirrizulta mir-riferta, ma jidhirx biex jixhed quddiem il-*

---

[1] Verbal 26/4/17, a fol 11 tal-atti proċesswali

[2] Eżebit a fol 13 tal-atti proċesswali

[3] Verbal 26/4/17, a fol 11 tal-atti proċesswali

*Qorti Inferjuri, dik il-Qorti ghandha, sakemm il prosekuzzjoni ma tkunx irrinunzjat ghal dak ix-xhud, u kemm il-darba dak ix-xhud ikun indispensabbli ghal kaz tal-prosekuzzjoni, tiddiferixxi l-kawza ghal data ohra w tipprocedi kontra x-xhud kif ipprovdut fl-artikolu 441(4) tal-Kodici Kriminali."*[4]

Illi effettivament din kienet l-ewwel seduta tal-każ *de quo*, u filwaqt li l-esponent jifhem is-sommarjeta tal-każ xorta waħda dan il-fatt ma għandux jkun ta' ostaklu għar-retta amministrazzjoni tal-Ġustizzja. Infatti fil-sentenza tal-każ *Il-Pulizija vs Joseph Balzan*[5], Il-Qorti sostniet:

*"Illi l-esponent isibha difficli jifhem kif il-Qorti ghazlet li tghaddi minnufih ghas sentenza u dan minkejja li Jacqueline Balzan kienet notifikata u minkejja li l-prosekuzzjoni ma rrinunzjatx ghax-xhieda taghha. Din ix-xhud bla dubju kienet xhud indispensabbli sabiex tigi pruvata l-akkuza migjuba kontra l-imputat appellat. Illi l-esponent jghid b'kull rispett lejn il-konsiderazzjonijiet tal-Qorti, illi fid-dawl talgurisprudenza hawn fuq imsemmija, il-Qorti kienet fid-dmir li tara li l-kaz jitkompla skond illigi u dan specjalment meta l-istess xhud kienet indispensabbli u ammissibli skond il-ligi. Illi differiment wiehed ma kienx ser jirreka pregudizzju lill-imputat. Mill-banda l-ohra pero billi l-Qorti ghaddiet minnufih ghas-sentenza, l-Qorti cahdet lill-prosekuzzjoni d-dritt ghal provi indispensabbli sabiex jigu pruvati l-akkuzi kontra l-appellat. Illi, tali decizjoni ma kinitx ser timpingi wisq fuq is-sommarjeta tas-seduta konsiderando li din kienet l-ewwel seduta appuntata, allavolja kien ikun aktar deziderabbli li kieku l-procedura kollha nstemghet u inghalqet fl-istess seduta. Illi in oltre ma hemm xejn li jimpedixxi lil dik il-Qorti li tidiferixxi l-kawza ghal data ohra."*

Illi l-Ġurisprudenza elenkata, mingħajr dubju turi li d-deċiżjoni tal-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati kienet żbaljata, u minħabba f'din id-deċiżjoni l-Prosekuzzjoni ma setgħat qatt tipprova l-imputazzjonijiet addebittati lil appellat, apparti il-fatt, li kif ġie evidenzjat aktar l'fuq, l-Qorti fl-ebda mument ma elenkat il-motivazzjoni ta' tali deċiżjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

---

[4] Pulizija vs Noel Jason Cost Chretien, Qorti Appell Kriminali preseduta mil-Onor Imħ. Michael Mallia, 30/4/10

[5] Qorti tal-Appell Kriminali presjeduta mil-Onor Imħ. Antonio Mizzi, 4/3/15

Illi l-Avukat Generali isib oggezzjoni ghad-decizjoni appellata billi iqies illi l-Ewwel Qorti ghaddiet biex tillbera lill-appellat mill-akkuza migjuba kontra tieghu ghaliex minghajr gustifikazzjoni naqqset milli tisma' d-deposizzjoni tax-xhud ewlieni u indispensabbli f'dan is-sinsitru stradali u cioe' lill-vittma li ghall-ewwel seduta tallbet differiment billi kellha appuntament l-isptar.

Illi minn ezami tal-atti proċesswali fil-fatt jirrizulta illi fl-ewwel seduta appuntata ghas-smiegh tal-kawza deher l-appellat assistit mid-difensur tieghu. Il-parti leza Tessie Muscat ma dehritx u dan billi meta b'rikors intavolat jum qabel is-smiegh irrizulta li hija kienet tallbet differiment billi kellha appuntament l-isptar u esebiet dokument li jikkonferma dan il-fatt minnha iddikjarat. Jidher madanakollu illi l-Ewwel Qorti cahhdet din it-talba u ghaddiet ghal prosegwiment tas-smiegh tal-kaz fl-assenza tal-vittma. Jidher illi l-Prosekuzzjoni insistiet mal-Ewwel Qorti biex tisma' lil din ix-xhud izda anke din it-talba giet michuda u wara li instemghu x-xiehda ta' WPC316 u ta' Anne Vassallo l-Qorti ghaddiet gahd-decizjoni taghha u illiberat l-imputat mill-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu.

Illi ghalkemm huwa minnu illi l-kaz li kellha taht il-lenti taghha l-Ewwel Qorti kien ta' natura sommarja, b'daqshekk ma ifissirx illi jekk ikun hemm xi raguni valida u impellenti ghalbiex il-kawza tigi differita ghal data ohra, tali talba ma ghandhiex tintlaqa' mill-Qorti. Illi l-artikolu 377(1) tal-Kodiċi Kriminali meta jitkellem fuq il-procedutra li ghandha tigi segwieta fil-kawzi sommarji jiddisponi illi:

> **'meta jingħalaq is-smiegħ tal-kawża (sommarja), il-qorti, dak in-nhar stess, jekk jista jkun, tagħti s-sentenza, billi tillibera jew tikkundanna l-imputat'.**

Illi jidher mid-diċitura ta' dan l-artikolu tal-ligi illi l-element sommarju f'dawn il-proċedura huwa marbut maz-zmien li fih il-qorti ghandha tghaddi ghall-għoti tas-sentenza aktar milli fuq is-smiegħ tal-kawża. Illi allura meta jkun hemm raguni valida 'il ghala xhud indispensabbli ghal kaz u debitament innotifikat mill-Prosekuzzjoni ma jkunx jista' jattendi fid-data tas-smiegh tal-kawza, indipendentement mis-sommarjeta' tal-proċeduri, l-Qorti ghandha tilqa' t-talba ghal differiment u thalli is-smiegh ta' dan ix-xhud ghal data ohra. Dan huwa sorrett mill-ġurisprudenza nostrana meta jigi mghallem:

**"Illi l-gurisprudenza kostanti fil-materja tghid li meta xhud, debitament innotifikat kif jirrizulta mir-riferta, ma jidhirx biex jixhed quddiem il-Qorti tal-Magistrati, sakemm il-prosekuzzjoni ma tkunx irrinunzjat ghal dak ix-xhud, dik il-Qorti ghandha tiehu dawk il-provvedimenti kollha mehtiega kontra dak ix-xhud, u tiddiferixxi s-smigh tal-kawza ghal data ohra, kemm-il darba dak ix-xhud ikun indispensabbli, ghall-prosekuzzjoni. Jekk dan ma jsirx, allura l-Avukat Generali jkollu dritt ta` appell ai termini ta` l-artikolu 413 (1) (b) (vi) tal-Kodici Kriminali. Jekk il-Qorti tghaddi sabiex taghti s-sentenza taghha anke meta xhud, debitament innotifikat, jonqos li jidher bla ma jaghti raguni valida, allura tinholoq sitwazzjoni fejn il-procediment u l-ezitu ta` proceduri jkun jiddependi kompletament fuq jekk xhud ifettillux jidher jew le. Din tkun sitwazzjoni fejn kemm il-prosekuzzjoni kif ukoll l-Istat jigu ppregudiati ingustament. Illi huwa biss meta l-prosekuzzjoni ma tkunx f'-posizzjoni li tinforma lill-Qorti dwar ir-riferta u tonqos mill-obbligi taghha imposti mil-ligi li tesebixxi riferta posittiva u valida ta` xhud, li allura, f'tali cirkostanzi, dan in-nuqqas bla dubbju ta` xejn ghandu jmur a favur ta` l-akkuzat li jkollu dritt li jitlob li l-proceduri jitkomplew u ma jigux imhollija ghal data ohra. Ghalhekk hija haga naturali li qabel ma l-akkuzat jaghmel tali talba, il-Qorti ghandha taghti kull oppportnita` lill-prosekuzzjoni li tesebixxi r-riferti relattivi jew tivverballizza li x-xhieda taghha huma debitament imharrkin.[6]"**

Fl-istess vena fil-kawża fl-ismijiet Pulizija vs Kevin Debono l-Qorti tal-Appell kkunsidrat kif ġej:

**"Illi din il-Qorti, kif preseduta, fis-sentenza taghha fil-kawza "Il-Pulizija vs. Anne Montfort" [30.9.2004] kellha okkazzjoni li tghaddi in rassenja l-gurisprudenza rilevanti ghall-dan it-tip t'incident u ccitat b'approvazzjoni s-sentenza taghha "Il-Pulizija vs. Clive Debono" [14.9.2004], fejn saret ukoll riferenza ghas-sentenzi ta' din il-Qorti diversament preseduta: "Il-Pulizija vs. Mario Saliba [15.10.1982];; "Il-Pulizija vs. Mario Magri" [28.5.1993]; "Il-Pulizija vs. Francis Callus" [30.9.1993]; "Il-Pulizija vs. Anthony Zarb" [22.10.1993]; "Il-Pulizija vs. Joseph Abdilla et." [3.12.1993] u "l-Pulizija vs. Francis Borg." [10.12.1993].**

**"Illi gie ritenut fl-Appell Kriminali "Il-Pulizija vs. Domenico Savio Spiteri" [5.1.1996], li, ladarba ix-xhud ikun debitament notifikat u sakemm il-partijiet ma jirrinunzjawx ghalih, (emfasi ta' din il-Qorti) il-Qorti ma ghandhiex tghaddi ghas-sentenza bla ma tisimghu, imma jekk ix-xhud ikun indispensabbli ghall-kaz, il-Qorti kellha tiddiferixxi l-kawza ghal data ohra w tipprocedi kontra x-xhieda skond l-artikolu 441 (4), rez applikabbli ghall-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati bl-**

---

[6] Pulizija vs Peter Mifsud, deċiża fis-06/10/1998 mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) ppreseduta mill-imħallef Patrick Vella.

**artikolu 525(1)(a) tal-Kap.9, . (App. Krim. “Il-Pulizija vs. Saviour Farrugia” [25.7.1994] u ohrajn ).**

**Hu minnu wkoll li, kif issottomettiet il-Prosekuzzjoni fir-rikors tal-appell, l-interess principali fil-proceduri penali hu tal-partijiet cioe’ il-Prosekuzzjoni rapprezentata mill-Pulizija Ezekuttiva jew, fil-kaz kontemplat fl-artikolu 373 tal-Kap.9 , l-offiz jew kwerelant u mill-banda l-ohra l-imputat. U xhud ma ghandu ebda dritt li jippriva lill-parti li tkun ingungietu biex jixhed mid-depozizzjoni tieghu (Ara. App. Krim. “Il-Pulizija vs. Pierre Schembri” [8.1.1996] u ohrajn.)”.[7]**

Issa f’dan il-kaz ix-xhud debitament innotifikata talbet differiment ghal raguni li, fil-fehma ta’ din il-Qorti, kienet valida u gustifikata. Mid-dokument anness mar-rikors ta’ Tessie Muscat jigi ikkonfermat illi hija kellha tattendi ghal appuntament mediku fl-istess jum tas-smiegh tal-kaz fis-sebgha u nofs ta’ fil-ghodu. Illi certament ma hux mistenni illi l-appuntament gewwa l-isptar ghalkemm indikat fis-sebgha u nofs ta’ fil-ghodu kien ser jigi fi tmiemu ftit tal-hin wara. U allura kellu jkun plawsibbli ghall-Ewwel Qorti illi Msucat ma kenitx ser tlahhaq tattendi il-Qorti sad-disgha ta’ fil-ghodu kif lanqas ma kellu jkun plawsibbli illi jekk hija titlef l-appuntament taghha gewwa l-isptar hija kienet ser tinghata iehor f’qasir zmien.

Konsegwentement huwa ċar illi l-Avukat Ġenerali għandu raġun fl-ilment tiegħu u dan ghaliex kien mistenni illi fiċ-ċirkostanzi l-Ewwel Qorti ma kelliex tgħaddi għas-sentenza iżda kellha tagħti differiment biex din ix-xhud tkun tista’ tiddeponi. Ix-xhieda ta’ Muscat indubbjament hija waħda indispensabbli li l-Ewwel Qorti kellha d-dover li tisma’ qabel tghaddi ghas-sentenza tagħha. In oltre x-xhud ġiet debitament notifikata skond il-liġi u jidher ċar li l-prosekuzzjoni vverbalizzat l-insistenza tagħha għas-smiegħ tax-xhud li jkompli jikkonferma l-indispensabbilita’ tagħha għall-każ in eżami.

Ghalhekk fil-fehma ta’ din il-Qorti, dak li sar kien jammonta ghal nuqqas ta’ formalita` sostanzjali fis-sens ta’ l-artikolu 428(3) tal-Kapitolu 9 tl-Ligijiet ta’ Malta u li jinkwadra pjenament taht l-artikolu 413(1)(b)(vi) tal-Kapitolu 9, li proprju jaghti dritt ta’ appell lill-Avukat Generali f’kazijiet analogi.

---

[7] Deċiża nhar il-1.6.2006 mill- Qorti tal-Appell Kriminali, ppreseduta mill-Imħallef Joe Galea Debono.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ l-appell ta’ l-Avukat Generali, tiddikjara s-sentenza appellata nulla u bla effett u, biex ma ccahhadx lill-partijiet mill-beneficcju tad-*doppio esame*, qed tibghat l-atti tal-kawza lura lill-Ewwel Qorti biex il-kaz jerga’ jinstema’ u jigi deciz mill-gdid skond il-ligi wara li jinstemghu x-xhieda kollha tal-prosekuzzjoni u tad-difiza.

(ft) Imhallef

Vera Kopja

Joyce Agius

Deputat Registratur